# META ĠULJU ĊESARE KIEN MISRUQ

Dawk li jaqraw fuq is-serq ta' bnedmin li jsir l-aktar mill-*gangsters* amerikani, aktarx jaħsbu li din il-għamla ta' serq indrat fi żmenijietna, iżda serq bħal dan kien isir ukoll fi żmenijiet l-aktar qodma.

Il-ġrajja li sejrin infakkru saret 75 sena qabel Kristu. Ġulju Ċesare, f'dan iż-żmien, kellu xi 26 sena. F-Ruma kien diġa magħruf bħala wakili (avukat) ta' ħila kbira, imma billi ried ikattar il-għerf tiegħu u jitbiegħed għal ftit mill-pulitka, telaq minn din il-belt u mar f'Bitinja u fi Greċja, imbagħad baqa sejjer f'Rodi fejn kellu ħsieb iżid jitgħallem għand il-kbir Apollonio Molone.

Waqt li kien għaddej bil-mixi minn xatt-il-baħar, ma' xi ħbieb tiegħu, Ċesare kien maħtuf għal għarrieda mill-*pirati* (ħallelin tal-baħar) u miżmum fuq ġifen bħala rahan għal-flus li riedu jiksbu b'hekk dawn in-nies. Il-ħallelin, billi raw l-ilbies għani ta' Ċesare u ta' sħabu, ħasbu li b'din is-serqa sejrin jid-dubbaw kemxa flus sewwa u, għalhekk, talbu flejjes kbar biex Ġulju Ċesare jkun mitluq ħieles, imma huwa, biex igħaddihom biż-żmien, qalilhom :

—Intom armejtuni wisq; tidhru li ma tafux lil min għand-kom taħt idejkom. Imisskom titolbu, mill-inqas, id-doppju u nofs ta' dak li tlabtu biex teħelsuni... ...

Il-ħallelin ħatfuh fil-kelma u talbu tiegħu kemm qalilhom, iżda huwa, kollu qlubi, żied igħidilhom :

—Dawn il-flus għad ikollkom trodduhom...

Huwa dam miżmum bħal ħabsi 38 jum, imdawwar b'nies ta' qattagħni, bla qatt ma wera ftit biża. Ċesare kien joqgħod igħaddi iż-żmien jilgħab u jitħaddet ma' sħabu, li kienu ġew maqbudin miegħu, u jikteb il-poeżiji. Malli l-pirati kienu joqorbu lejh kien ikeċċihom bi kliem ta' tmaqdir, bħal ma jagħmel sid mal-qaddejja tiegħu. Waqtiet kien igħidilhom ukoll :

—Malli neħles minn hawn ingħallaqkom ilkoll !

Il-ħallelin kienu jilqgħu t-theddid tiegħu bid-daħk, imma ġo' fihom kienu jħossu bħal twerwir minn dan il-bniedem li twieled biex jaħkem, mhux biex ikun maħkum.

Fl-aħħarnett, il-ħafna ħbieb li kellu Ċesare fil-gżira ta' Mileto bagħtulu l-flus biex bihom jinfeda u wara ftit kien meħlus. Malli niżel l-art qal lil ħbiebu :

—Nizzikom hajr għal dak li għamiltu għalija, iżda minn hawn u ftit jiem oħra rrid inwettaq dak li wegħidt lil dawk il-qabda nies bla ruħ.

U ma qalx ħażin, għax ftit żmien wara huma ħallsu qares dak li għamlu lil Ġulju Ċesare u lil sħabu u lil min jaf kemm nies oħra.

Wara dan li ġara, Ruma ħalfet li għandha teqred dan il-għajb minn ma' dwarha u ħalliet din il-ħaġa f'idejn il-qalbieni Gneo Pompeo li, flimkien ma' nies oħra ta' ħila u saħħa, sab it-tarf ta' dawn in-nies ta' qattagħni, għad li illum, milli jidher, reġgħu nibtu b'għadd kbir fl-inħawi ta' l-Amerka u taċ-Ċina.

N. BIANCARDI.